A.L. 186 ta' l-1993

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 846 ta' l-1949.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1994.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-Taqsima I tagħha —

(i) minflok it-test Malta tal-partita 29 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"29. Biex tinżamm għall-użu makna f'post fejn hemm liċenza skond il-valur tal-kera jitħallas dritt għal liċenza sussidjarja; inkella tkun meħtieġa liċenza skond il-valur tal-kera.";

(ii) minflok il-partita 70 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

	Lm
"70. Għall-użu ta' trakk, *van, mixer* tal-*concrete, crane, motor hearse, forklift,* vettura misjuqa minn xufier (li ma tkunx vettura li hi *taxi*) jew xi vettura oħra bil-mutur (barra minn siġġu jew karozza ta' l-invalidi bil-mutur) li mhumiex speċifikati f'partiti oħra taħt din l-intestatura, fis-sena	20.00";

(iii) minflok il-partita 99 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

Lm

"Ġebel

99. (a) Sabiex tħaddem barriera u/jew tbiegħ ġebel artab, fis-sena 300.00

(b) sabiex tħaddem barriera u/jew tbiegħ kull ma joħroġ minn ġebel iebes, fis-sena ... 300.00";

(iv) il-partiti 104, 105, 106 u 107 tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-partiti 106, 107, 108 u 109 rispettivament; u

(v) minnufih wara l-partita 103 tagħha, għandu jiżdied dan li ġej:

Lm

"Diskoteki

104. (a) Sabiex iżżomm u tħaddem fond fejn isiru *disco dances,* fis-sena 500.00

(b) Għal estensjoni tal-ħin tal-għeluq tal-fond imsemmi fis-subparagrafu (a) iktar mill-11 p.m. u sas-1 a.m., fis-sena 50.00

(c) Għal estensjoni tal-ħin tal-għeluq tal-fond imsemmi fis-subparagrafu (a) iktar mis-1 a.m., fis-sena 50.00

Batching Plants

105. Sabiex iżżomm u tħaddem *batching plant,* fis-sena ..... 1000.00";

(b) ir-regolament 1 tat-Taqsima II tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok it-Tabella A tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"TABELLA A

Lokalità A	*Kolonna 1*	*Kolonna 2*
Kategorija 1	10%	Lm250
Kategorija 2	10%	Lm130
Kategorija 3	10%	Lm 80
Kategorija 4	10%	Lm 50
Lokalità B		
Kategorija 1	9%	Lm200
Kategorija 2	9%	Lm100
Kategorija 3	9%	Lm 60
Kategorija 4	9%	Lm 40

Lokalità C

Kategorija 1	8%	Lm110
Kategorija 2	8%	Lm 70
Kategorija 3	8%	Lm 40
Kategorija 4	8%	Lm 30

Lokalità D

Kategorija 1	7%	Lm 70
Kategorija 2	7%	Lm 50
Kategorija 3	7%	Lm 30
Kategorija 4	7%	Lm 20";

(ii) minflok il-partiti 1, 5 u 15 taħt il-*Kategorija 1* għandu jidħol dan li ġej:

"1. Radio, T.V., *appliances* tad-dar, makkinarju ta' l-uffiċċju, *spares* u tagħmir *high fidelity*.

5. *Salon* tax-xagħar.

15. Servizzi għal kiri ta' karozzi u *buses* u *surplus garage.*";

(iii) il-partita 1 taħt il-*Kategorija 2* għandha titħassar u l-partiti li jifdal għandhom jiġu enumerati mill-ġdid minn 1 sa 20;

(iv) il-partita 1 taħt il-*Kategorija 4* għandha titħassar u l-partiti li jifdal għandhom jiġu enumerati mill-ġdid minn 1 sa 10; u

(ċ) fir-regolament 2 tat-Taqsima II tagħha, minflok il-kliem "dritt ta' Lm5" għandhom jidħlu l-kliem "dritt ta' Lm10", u minnufih fi tmiem ir-regolament għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda d-dritt li jitħallas għal liċenzi għal dawn il-kategoriji kummerċjali li ġejjin għandhom ikunu jew dawk imsemmija fit-Tabella A jew dawn stabbiliti kif ġej, skond liema jkun l-ogħla:

	Lm
(a) Radio, T.V., tagħmir *Hi-Fidelity, appliances* tad-dar, makkinarju ta' l-uffiċċju u *spares*	120
(b) *Records* mużikali, *stereos, record players, tape recorders, cassettes* u *spare parts*	120
(c) Spiżjara	100

(d) *Salons* tax-xagħar	80
(e) Antikitajiet	200
(f) Ġojjellerija, arloġġi ta' l-idejn, arloġġi tad-dar	100
(g) Makkinarju ta' l-elettriku u mekkaniku	100
(ħ) ħdim ta' *bricks* u madum	150
(i) *showroom* għall-bejgħ ta' għamara	160
(j) *showroom* għall-bejgħ ta' aċċessorji tal-kamra tal-banju u *toilet*	200
(k) aġenzija ta' proprjetà immobiljari ..	300
(l) kumpannija ta' l-assigurazzjoni	400
(m) aġenzija tar-reklamar u/jew relazzjonijiet pubbliċi	250
(n) istituzzjoni finanzjarja, bank u dar tal-investimenti	500
(o) sala tat-tiġijiet jew kull imkien ieħor simili fejn isiru tiġijiet u riċevimenti oħra	500.".